MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2014

Numru. 433/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Oivend Xuereb**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Oivend Xuereb ta’ 29 sena bin Jesmond u Rosaline nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Dicembru, 1984, residenti gewwa l-fond numru 27 Triq

il-Vittorja Hamrun u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 481373M.

1. Akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn is-19 u l-20 t’ April, 2006, gewwa Santa Venera bejn 17:00hrs u 7:00am ikkommetta serq ta’ stereo minn gewwa vettura numru ta’ registrazzjoni EBA 649 ghad-dannu ta’ Christopher Micallef u jew persuni ohra liema serq jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€239.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommetta hsara volontarja fuq il-vettura EBA 649 ghad-dannu ta’ Christopher Micallef liema hsara ma teccediex il-Euro 250 (art 3251B Kap 9)

3. U aktar tali gewwa dawn il-Gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan sar f’ Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b’ kull mod li kien indahal biex ibieghhom jew imexxihom (art 334 Kap 9)

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar il-5 ta’ Dicembru, 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.  L-imputat qed jaghmel programm residenzjali kontra l-abbuz mid-droga u mix-xhieda tar-rapprezentanta tal-Caritas Jean Cali jirrizulta li huwa sejjer tajjeb hafna u l-Qorti ghalhekk ma tixtieqx tiddisturba dan il-progress billi timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 325, 49, 50 u 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba’ (4) imputazzjoni migjuba

fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art 7 tal-Kap 446 tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tliet (3) snin millum taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet. Stante li t-tielet (3) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------